

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-Deċiżjoni tas-SRB tat-2 ta' Mejju 2023, dokument Nru SRB/ES/2023/23, inkluż l-Annessi I, II u III, sa fejn din tikkonċerna l-kontribuzzjoni *ex-ante* tar-rikorreni;
- tikkundanna lis-SRB għall-ispejjeż.

Motiv u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorreni tinvoka motiv wieħed ibbażat fuq l-allegat ksur mis-SRB tal-Artikolu 70(2) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014⁽¹⁾ billi ma applikax il-limitu vinkolanti ta' 12,5 % għal-livell fil-mira meta ddetermina l-livell fil-mira annwali tal-2023.

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2023 – Kiene et vs Il-Parlament u Il-Kunsill

(Kawża T-419/23)

(2023/C 321/67)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorreni: Lorenz Kiene (Hoya, il-Ġermanja), Classic Tankstellen GmbH & Co. KG (Hoya), eFuel GmbH (Hoya), eFuel Projektentwicklung GmbH (Hoya) (rappreżentanti: A. Dlouhy, E. Macher u M. Soppe, avukati)

Konvenuti: Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorreni jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-punt 1(a) sa (d) tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2023/851;
- tikkundanna lill-konvenuti għall-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Bħala sfond għar-rikors tagħhom, ir-rikorreni, li huma impriżi attivi fis-settur tal-iżvilupp, tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni ta' karburant sintetiku li huwa newtrali f'termini ta' CO₂ u li huwa intiż għat-trasport bit-triq, isostnu li d-dispożizzjonijiet ikkontestati, li jimponu valuri ta' emissjonijiet ta' CO₂ iktar stretti għall-flotot ta' vetturi ġodda ta' manifatturi ta' karozzi tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali ħfief fl-Unjoni Ewropea għall-perijodu sal-2035, huma bbażati fuq kejl tal-emissjonijiet ta' CO₂ mill-egżost tal-vettura waqt l-użu tagħha. B'hekk, l-emissjonijiet kollha prodotti fil-kuntest tal-manifattura, tal-operat, tal-użu u tal-eliminazzjoni ta' prodott, minbarra l-operat ta-vettura, ma ttieħdux inkunsiderazzjoni, u dan mingħajr ebda ġustifikazzjoni. Dan ifisser, minn naħa, li ma humiex ser jittieħdu inkunsiderazzjoni l-valuri ta' emissjonijiet, li xi drabi jkun għoljin, marbuta b'mod partikolari mal-produzzjoni ta' vetturi mgħammra b'batterija tal-elettriku u, min-naħa l-oħra, li ma huwiex ser jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-produzzjoni ta' karburant sintetiku li huwa newtrali f'termini ta' CO₂ hija bbażata fuq iċ-CO₂ li jinsab fl-atmosfera jew f'egżost inevitabli li fi kwalunkwe każ kien ser jispiċċa fl-atmosfera, u li l-konsum ta' dan il-karburant kull ma jagħmel huwa li jirrilaxxa mill-ġdid iċ-CO₂ maqbud fil-proċess tal-produzzjoni.

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw seba' motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għal-libertà ta' intrapriża (Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾), iktar 'il quddiem il-“Karta”);
2. It-tieni motiv: ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-proprjetà (Artikolu 17 tal-Karta) minħabba tnaqqis *de facto* fil-valur tal-investimenti preċedenti tagħhom;
3. It-tielet motiv: ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti għall-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi (Artikolu 20 tal-Karta) sa fejn il-karburant newtrali f'termini ta' CO₂, mingħajr ebda raġuni oġġettiva, (i) ma ġiex ittrattati b'mod ugwali meta mqabbel mal-enerġija elettriku għall-vetturi b'batterija tal-elettriku u (ii) ġie ttrattat b'mod ugwali meta mqabbel ma' karburanti fossili;
4. Ir-raba' motiv: ksur tal-protezzjoni tal-ambjent taħt l-Artikolu 37 tal-Karta sa fejn ma tteħditx inkunsiderazzjoni l-ħsara għall-ambjent matul it-tul kollu tal-ħajja tal-vettura u sa fejn in-nuqqas ta' aċċettazzjoni tat-teknoloġija ser iwassal għal żieda fil-ħsara għall-ambjent;
5. Il-ħames motiv: ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità taħt l-Artikolu 5(4) TUE sa fejn id-dispożizzjonijiet ikkontestati ma humiex xierqa, ma humiex meħtieġa u huma sproporzjonati sabiex jintlaħaq it-tnaqqis ta' CO₂ mixtieq mill-Unjoni;
6. Is-sitt motiv: ksur tar-rekwiżiti tal-politika tal-ambjent tal-Unjoni taħt l-Artikolu 191 TFUE sa fejn il-ħsara għall-ambjent matul it-tul kollu tal-ħajja tal-vettura ma tteħditx inkunsiderazzjoni, mingħajr ebda ġustifikazzjoni, u la hija miġġielda fis-sors tagħha u lanqas ma hija miġġielda skont il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, iżda fl-aħħar mill-aħħar qiegħda tiġi trasferita barra mill-Unjoni;
7. Is-seba' motiv: ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 296 TFUE sa fejn il-leġislatur ma pprovidiex ġustifikazzjoni għall-approċċ regolatorju tad-dispożizzjonijiet ikkontestati, li huwa differenti mir-regolamenti l-oħra tal-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU 2012, C 326, p. 391.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Lulju 2023 – PlanetArt vs EUIPO – Free (FreePrints)

(Kawża T-424/23)

(2023/C 321/68)

Lingwa tar-rikors: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: PlanetArt LLC (Wilmington, Delaware, l-Istati Uniti) (rappreżentant: M. Schaffner, avukata)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Free (Pariġi, Franza)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea bil-kulur “FreePrints” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 18 084 906

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Mejju 2023 fil-Każ R 407/2022-1